**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Jannar, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 326/2021 AF**

**Kelsey-Ria Zerafa**

**vs**

**Elmo Insurance Limited**

**u**

**Sean Gerada**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Kelsey-Ria Zerafa, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-2 ta' Gunju 2020, gewwa l-Mellieha, sehh incident tat-traffiku bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FRV 001 assikurata mal-konvenuta Elmo Insurance Limited u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KEL 510 misjuqa mill-konvenut Sean Gerada u proprjetà tal-attrici Kelsey-Ria Zerafa [kopja tar-rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bhala Dok. KZ01].

L-istess incident sehh tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FRV 001 assikurata mal-konvenuta Elmo Insurance Limited u/jew ta' Sean Gerada (sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KEL 510), jew ta' min minnhom, minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti taghhom, jew ta' min minnhom.

Konsegwenza ta' dan l-incident, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KEL 510 prorpjetà tal-attrici Kelsey-Ria Zerafa giet dikjarata bhala *beyond economical repair*.

Konsegwenza ta' dan l-incident u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-attrici Kelsey-Ria Zerafa sofriet diversi danni, u l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli fil-ligi ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attrici konsegwenza ta' dan l-incident.

L-attrici interpellat lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni minnha sofferti konsegwenza tal-fuq imsemmi incident, inkluz permezz tal-ittra ufficcjali tat-22 ta' Dicembru 2020 ipprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FRV 001 assikurata mal-konvenuta Elmo Insurance Limited u Sean Gerada (li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KEL 510), jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident fuq imsemmi tat-2 ta' Gunju 2020 gewwa l-Mellieha.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta Elmo Insurance Limited (bhala l-assikuratrici tal-vettura bin-numru FRV 001 meta sehh l-incident *de quo*) u l-konvenut Sean Gerada, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attrici naxxenti mill-istess incident awtomobilistiku.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici konsegwenza tal-istess incident fl-ammont ta' €21,123.59 jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.

4. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attrici dawn id-danni fl-ammont ta' €21,123.59, jew somma ohra verjuri, hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-22 ta' Dicembru 2020 u bl-imghax legali mit-22 ta' Dicembru 2020 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li huma jew ir-rapprezentanti guridici taghhom huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata Elmo Insurance Limited li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

L-ewwel u t-tieni talba rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-assikurat tas-socjetà esponenti, ossia Martin Grech, izda sehh unikament bi htija u negligenza da parti tal-intimat Sean Gerada

hekk kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

*Di più*, hekk kif ser jirrizulta ampjament mill-provi li ser jigu prodotti fil-perkors ta' dawn il-proceduri, fil-mument tal-impatt, l-assikurat tas-socjetà esponenti kien qieghed isuq b'mod korrett u ghaqli, *entro* l-parametri ta' velocità tal-imsemmija triq.

Isegwi ghalhekk li t-tielet talba tar-rikorrenti ghandha wkoll tigi rigettata billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favuriha stante li s-socjetà esponenti m'ghandiex tkun tenuta thallas l-ebda ammont in linea ta' danni lill-istess rikorrenti, liema danni, *del resto*, jehtiegu li jigu pruvati skond il-ligi.

Konsegwentement ir-raba' talba rikorrenti ghandha wkoll tkun michuda billi s-socjetà esponenti m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda danni lir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet premessi.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u/jew l-intimat Sean Gerada.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Sean Gerada li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

L-eccipjent bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh nhar it-2 ta' Gunju 2020 gewwa l-Mellieha, liema incident gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FRV 001 assigurat mis-socjetà konvenuta Elmo Insurance Limited u dana minhabba imprudenza, negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq tal-vettura bin-numru tal registrazzjoni FRV 001, u dana hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Kien is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FRV 001 li naqas milli jzomm il-"proper look out" mehtiega minnu fic-cirkostanzi tat-triq li kien qed isuq fiha u ma zammx mad-dover tieghu li jnaqqas il-velocità nonostante li gie biex johrog mil-liwja ossia "side street" li taghti ghal fuq Triq il-Prajjiet.  B'rizultat ta'

din il-manuvra azzardata, l-eccipjent bl-ebda mod ma seta' jevita l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FRV 001.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent f'kull waqt ezercita d-diligenza u l-prudenza kollha mistennija minnu waqt li kien qed isuq.

Stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjent, hu ma ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni u spejjez lill-attrici.

Ghalhekk u kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, it-talbiet attrici in kwantu huma diretti fil-konfront tal-eccipjenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt, u l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, minghajr ma ghandu jbati ebda spejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jkunu permissibbli skond il-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2023 l-intimata Elmo Insurance Limited iddikjarat illi mhijiex tikkontesta l-*quantum* tad-danni reklamati.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-kawża odjerna tittratta dwar inċident awtomobilistiku li seħħ fit-2 ta' Ġunju 2020 fi Triq il-Prejjet, il-Mellieħa bejn il-vettura tal-marka Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni FRV 001 misjuqa minn Martin Grech u assikurata mas-soċjetà intimata Elmo Insurance Limited, u l-vettura tal-marka Audi bin-numru ta' reġistrazzjoni KEL 510 li fil-mument tal-inċident kienet qed tiġi misjuqa mill-intimat Sean Gerada. Il-

vettura KEL 510 hija proprjetà tar-rikorrenti illi *qua* vittma qegħda titlob riżarċiment tad-danni minnha mġarrba meta l-vettura ġiet dikjarata *beyond economical repair* konsegwenti l-ħsarat konsiderevoli li ġarrbet fl-inċident mertu ta' din il-kawża. Ir-rikorrenti kkwantifikat id-danni fis-somma ta' €21,123.59 li jirrappreżenta l-valur ta' vettura ġdida bħal dik involuta fl-inċident in kwistjoni u l-ispejjeż kollha marbuta mal-importazzjoni tal-istess mill-Ingilterra. Fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2023 Elmo Insurance Limited ddikjarat illi mhijiex tikkontesta l-*quantum* tad-danni reklamati. Mill-banda l-oħra l-intimat Gerada llimita ruħu jgħid illi m'hemmx danni daqs kemm qed tallega r-rikorrenti.

Mill-provi jemerġu żewġ verżjonijiet dwar id-dinamika tal-inċident, waħda fornita mill-intimat Sean Gerada u l-oħra hija dik fornita minn Martin Grech.

Skont Sean Gerada huwa ssellef il-vettura tar-rikorrenti sabiex flimkien ma' Ylenia Camilleri jmur idur dawra bil-vettura u jirritorna lura fl-inħawi ta' Popeye Village fejn kienu flimkien mar-rikorrenti preċedentement għall-inċident. Spjega illi "*Ħin minnhom is-sewwieq tal-Honda ġie fi triqti. Ġie min naħa tax-xellug tiegħi*. *Ippruvajt nevitah pero' ma kellix ċans. Ħariġli minn wara siġra. Jiena rajtu sekondi qabel il-ħabta. Brejkijiet ta' sekondi*."[1] Fl-affidavit tiegħu r-rikorrenti xehed illi l-vettura FRV001 ħarġet "*f'daqqa waħda u bis-saħħa għal fuqi minn liwja fl-istess triq*."[2] Kompla jixhed u jenfasizza li "*Jien kont għaddej insuq bil-mod u fuq in-naħa tax-xellug tat-triq*" u li f'daqqa waħda feġġet il-vettura l-oħra li kienet qegħda tinstaq "*b'veloċita' qawwija*"[3]. Ir-rikorrenti żied jgħid illi l-impatt kien wieħed qawwi ħafna tant illi ħarġu l-*airbags* tal-vetturi. Issokta jgħid illi l-impatt seħħ eżatt mal-liwja f'punt fejn is-sewwieq tal-vettura l-oħra ma kellux viżwal tal-*oncoming traffic* minħabba li din il-viżwal kienet disturbata minn xi siġar li hemm. Xehed illi l-vettura l-oħra feġġet f'salt u għalqet it-triq. Jgħid illi Martin Grech ma darx mal-liwja iżda qata' għad-dritt. Kompla jixhed illi

[1] A fol. 58
[2] A fol. 195
[3] A fol. 195

l-iskizz tal-inċident huwa xhieda ta' dan u tal-fatt li kien Grech li saq għal fuq Gerada.

Gerada xehed illi fil-ħin tal-inċident huwa kien sejjer mid-direzzjoni tal-bypass tal-Mellieħa lejn il-Manikata. Fil-verżjoni illi Gerada ta' lill-Pulizija fil-ħin prossimu wara li seħħ l-inċident, huwa stqarr illi "*kien sejjer mid-direzzjoni tal-Bypass għal Manikata u meta gie fil-liwja ħdejn Popeye Village sab vettura ma wiċċu, huwa pprova jevita billi kiser fuq il-lemin tiegħu biex finalment seħħet il-ħabta*".[4] In kontro-eżami xehed illi "*nikkonferma li kont sejjer mill-bypass għal Manikata. ... Jiena naf illi t-triq hija dead end pero' jiena ma kontx ser naqbiżha r-wrong way. Jiena t-toroq ma tantx nafhom*."[5]

In kontro-eżami xehed illi huwa kien "*qed isuq bil-kalma kollha*"[6]. u fl-affidavit tiegħu kompla jenfasizza li "*Jien kont għaddej insuq bil-mod u fuq in-naħa tax-xellug tat-triq*"[7]. In kontro-eżami xehed illi "*kont qed insuq bejn 30 u 40 kilometru fis-siegħa*"[8]. Fl-istess nifs kompla jixhed illi "*Ma tajtx kaz l-ispeed*"[9].

Martin Grech xehed illi t-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni hija *two way*. Hu kien qiegħed isuq fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, niżel in-niżla mill-Manikata u sejjer fid-direzzjoni tal-Għadira. Dakinhar tal-inċident kien ħareġ dawra bil-karozza flimkien ma' martu li kienet riekba fis-*seat* tal-passiġġier fuq quddiem u ma' uliedu li kienu riekba fuq is-*seats* ta' wara. Xehed illi għaġġla ma kellhomx għaliex dak iż-żmien tal-inċident kien żmien il-pandemija tal-Covid-19 u għalhekk minħabba r-restirizzjonijiet *in vigore* ma tantx kellhom fejn imorru. Kompla jixhed illi wara li niżel in-niżla ġej mid-direzzjoni tal-Manikata, dar il-liwja viċin Popeye Village sabiex jiġi għad-dritt u hemm ra vettura ġejja għal fuqu. Għalkemm għafas il-*break* l-impatt kien inevitabbli. Xehed illi tant l-impatt kien qawwi li bid-daqqa l-vettura tiegħu

[4] A fol. 5
[5] A fol. 231
[6] A fol. 58
[7] A fol. 195
[8] A fol. 231
[9] A fol. 231

"*daret anti-clockwise u daret qisu kważi 90 degrees*"[10] u l-vettura misjuqa minn Gerda spiċċat mal-ħajt.

In kontro-eżami Grech xehed illi l-liwja raha u kellu bilfors idur magħha sabiex jiġi għad-dritt. Spjega illi ma kellux viżwal ostakolata għaliex is-siġar li rrefera għalihom Gerada kienu fuq in-naħa tal-lemin ta' Grech u għalhekk peress illi kien qiegħed isuq fuq ix-xellug tat-triq ma kellux x'jostakolah. Issokta jgħid illi hu kien qiegħed isuq bilmod b'veloċità ta' bejn 15 jew 20 kilometru fis-siegħa għaliex "*ma tistax issuq iżjed*" peress li t-triq hija dejqa u kien hemm liwja. Issokta jgħid illi "*rajtu ġej fuqi wara li kont qbiżt il-liwja u ġejt għad-dritt*"[11]. L-inċident seħħ "*bejn nofs it-triq u n-naħa tal-lemin tiegħu*" u li "*kien l-ispeed tal-karozza l-oħra illi kkaġina dak li kkaġuna*."[12]

Josian Grech, mart Martin Grech, ikkorroborat ix-xhieda ta' żewġha. Spjegat illi dak inhar tal-inċident ħarġu dawra bil-karozza. Tgħid illi għaġġla ma kellhomx. Osservat ukoll illi apparti li t-toroq f'dawk l-inħawi huma dojoq, fil-karozza magħhom kellhom lil uliedhom u allura ma kienx hemm lok għal veloċità żejda. Xehdet illi kif daru l-liwja "*rajt karozza ġejja dritt għal fuqna fuq in-naħa tat-triq tagħna. Din il-karozza kienet qiegħda tinstaq b'ċertu saħħa u minnha kien ħiereġ volum ta' mużika għolja ħafna.*" Mal-impatt il-karozza tagħhom "*daret anti-clockwise u spiċċat kważi at a ninety degree angle mal-vettura tiegħu*"[13]. Tgħid ukoll illi minnufih malli r-rikorrenti waslet fuq il-post tal-inċident kien hemm "*diskors imsaħħan bejnha u bejn Sean Gerada*"[14]. Żiedet tgħid illi "*Niftakar li ġie Sean Gerada u saqsieni kif jien u skuża ruħu kemm-il darba ta' dak li kien ġara*."[15]

Fil-mertu, il-kwistjoni odjerna titnissel minn danni akwiljani. Il-kriterji għal din ix-xorta t'azzjoni jitnisslu mil-liġi stess. L-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 jistabbilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb*

[10] A fol. 239
[11] A fol. 238
[12] A fol. 200
[13] A fol. 214
[14] A fol. 215
[15] A fol. 215

*ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*[16]. L-Artikolu 1032(1) tal-Kap. 16 imbgħad jistabbilixxi illi huwa fi htija kull min jonqos milli juża l-prudenza, l-għaqal u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. Imbagħad, l-artikolu 1033 jipprovdi li kull min "*bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi*" huwa obbligat li jirriżarċixxi d-danni[17]. Il-frażi "*dmir impost mil-ligi*" għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal kull tip ta' ksur ta' xi liġi jew dover li l-liġi timponi fuq persuna f'ċirkostanzi speċifiċi. Dan l-obbligu huwa bbazat fuq il-massima legali *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ae quae non fecit*[18].

L-iskizz li ħejja PS419 Anton Buttigieg meta wasal fuq il-post tal-inċident juri l-vettura KEL510 wieqfa mal-ħajt li hemm viċin il-parkeġġ ta' Popeye Village u l-vettura FRV 001 wieqfa magħha iżda angolata b'90 grad kif xehed Martin Grech. Jidher ukoll illi l-inċident seħħ fuq in-naħa tax-xellug tat-triq direzzjoni lejn l-Għadira.

Mir-ritratti in atti jidher ċar li t-triq in kwistjoni hija triq fil-kampanja li hija relattivament dejqa. Meta wieħed ikun ġej min naħa tal-Manikata u allura jkun nieżel in-niżla kollha li twassal għal Popeye Village din hija triq f'direzzjoni waħda lejn Popeye Village. Kif jidher fir-ritratt 'Dok. K4' a fol. 69 tal-proċess, qabel il-liwja hemm tabella 'T' li tindika li t-triq tagħlaq. Din it-tabella qiegħda għall-użu ta' min qiegħed isuq mid-direzzjoni tal-Għadira lejn il-Manikata. Fil-fatt, wara din il-liwja t-triq tagħlaq għaliex it-triq imbagħad hija *one way* skont kif ingħad u cioè li min ġej mid-direzzjoni tal-Għadira ma jistax jaqbad dik it-triq biex imur lejn il-Manikata. Mill-iskizz tal-Pulizija kif konfermat mir-ritratti varji li ġew esebiti fl-atti, l-inċident *de quo* seħħ wara l-liwja u fil-biċċa d-dritta.

---

[16] Ara: **Michael D'Amato noe vs Filopmena Spiteri et**, Qorti Civili Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003

[17] Ara: **Mosè Tabone vs Avv. Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea**, P.A. 23 ta' Lulju 1958; **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe**, Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu 1962; **Alexander Eminyan noe vs Caroline Grech et**, P.A., 3 ta' Ottubru 2003.

[18] **Emanuel Zammit noe et vs Charles Polidano noe et**, Qorti Civili, Prim'Awla, 27 ta' Mejju 2010

Wara li xtarret bir-reqqa kollha dovuta x-xhieda ta' Sean Gerada u dik ta' Martin Grech, il-Qorti għandha diversi osservazzjonijiet x'tagħmel dwar id-dinamika tal-inċident u finalment dwar ir-responsabbilità għall-istess.

Mill-provi in atti l-Qorti m'għandiex dubju li l-inċident seħħ wara l-liwja u cioè fil-parti d-dritta tat-triq. Il-provi juru li għal kuntrarju ta' dak illi xehed Sean Gerada huwa ma kienx qiegħed isuq fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u cioè fil-korsija tiegħu. Li kieku dak illi xehed Gerada kien minnu, u *ammesso ma non concesso* li Martin Grech qata' għad-dritt flok illi ħa l-liwja, allura l-impatt kien iseħħ fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Gerada. Fil-każ tal-lum però l-impatt seħħ fuq in-naħa tal-passiġġier u cioè fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura. Dan jixhed illi Gerada ma kienx qiegħed isuq fil-karreġġjata tiegħu. Dan jispjega wkoll għaliex malli ra lil Grech ġej Gerada dawwar l-*isteering* lejn il-lemin tiegħu u spiċċa fuq il-karreġġjata l-oħra mal-ħajt. Li kieku tassew kien fuq il-karreġġjata tiegħu il-loġika tiddetta li malli ra vettura oħra ġejja għal fuqu mid-direzzjoni opposta, l-manuvra ta' Gerada sabiex jevita lil Grech kienet tkun billi dan idawwar il-vettura lejn ix-xellug.

Id-dinamika tal-inċident turi li Gerada kien qiegħed isuq lejn in-nofs tat-triq. Gerada stess jammetti fix-xhieda tiegħu li ma jafx it-toroq. Il-Qorti qieset illi fil-ħin immedjatament wara li seħħ l-inċident Gerada stqarr mal-Pulizija li kien qiegħed isuq fid-direzzjoni tal-Manikata. Għalkemm meta xehed quddiem din il-Qorti huwa qal li jaf li t-triq fid-direzzjoni tal-Manikata hija *one way*, il-Qorti hija tal-fehma li dan mhwiex minnu. Mill-provi jemerġi li Gerada ssellef il-karozza tar-rikorrenti biex imur idur dawra biha. Josian Grech xehdet illi mill-vettura ta' Grech kienet tinstema' ġejja mużika b'volum għoli ħafna.

Abbażi ta' dak illi jirriżultalha mill-atti, il-Qorti tqis is-segwenti fatturi bħala determinati għall-fini illi tiġi stabbilita ħtija għall-akkadut. Qieset ghallhekk illi:

i. fil-mument tal-inċident Gerada kien qiegħed isuq vettura li mhijiex tiegħu u li allura ma kienx prattikat fuqha;

ii. kien qiegħed isuq b'mużika għolja li setgħet faċilment tinterferixxi mal-fakultajiet tiegħu illi jkun konxju ta' dak illi jkun qiegħed jiġri madwaru waqt is-sewqan;

iii. illi Gerada kien qiegħed isuq b'veloċità elevata tenut kont tal-impatt qawwi li rriżulta;

iv. illi Gerada kien barra mill-karreġġjata tiegħu;

v. illi l-impatt seħħ fuq in-naħa tal-passiġġier tal-vettura ta' Martin Grech fattur dan li jsaħħaħ it-teżi tal-Qorti li Gerada kien barra mill-karreġġjata tiegħu tant illi meta Grech dar il-liwja u ġie għad-dritt huwa sab lil Gerada ma wiċċu. Gerada prova jdur lejn il-lemin biss l-impatt kien inevitabbli u l-vettura misjuqa minn Gerada ħabtet ma' dik misjuqa minn Grech bil-konsegwenza li l-vettura ta' Grech daret b'90 grad;

vi. illi kif xehed l-istess Gerada ma kienx familjari mal-akkwati u huwa proprju din in-nuqqas ta' familjarità mat-triq illi kienet ser tieħdu fid-direzzjoni ta' triq *one way*.

Il-Qorti qieset ukoll illi għalkemm Gerada ma kienx waħdu fil-vettura fil-mument tal-inċident, Yanika Camilleri li kienet riekba bħala passiġġier, ma tressqitx sabiex tixhed u fl-aħjar ipoteżi għal Gerada tikkonferma u tikkorrobora x-xhieda tiegħu. Fil-fatt, l-unika prova ta' Gerada hija x-xhieda tiegħu stess.

Ferm il-premess, il-Qorti tikkonkludi li għall-inċident mertu ta' din il-kawża jaħti l-intimat Gerada li bi traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kkawża l-inċident *de quo*.

Kwantu għat-talbiet tar-rikorrenti, hija qegħda titlob riżarċiment għad-danni li ġarrbet. Essenzjalment hija jeħtieġilha takkwista karozza oħra għaliex dik li kienet qegħda tinstaq mill-intimat Ġerada ġiet dikjarata *total loss*. Ir-rikorrenti xehdet illi l-karozza kienet importata mill-Ingilterra u kienet ilha għandha madwar sitt xhur biss qabel seħħ l-inċident. Il-Qorti rat illi minkejja li r-

rikorrenti nkorriet diversi spejjeż relatati mat-*towing* tal-vettura u mal-iggaraxxjar tagħha, hija mhijiex titlob riżarċiment għal dawn l-ispejjeż. Dak illi qed titlob huwa riżarċiment fis-somma ta' €21,123.59 jew somma oħra verjuri. Fix-xhieda tagħha r-rikorrenti spjegat illi vettura simili għal dik illi kellha llum tiswa €15,000. Ma' din is-somma jridu jiżdiedu €1,750 rappreżentanti trasport tal-vettura mill-Ingilterra, €2,686 spejjeż ta' reġistrazzjoni tal-vettura ġewwa Malta, €2,700 rappreżentanti ħlas ta' 18% VAT u €1,500 rappreżentanti 10% dazju. Għalhekk l-ispiża komplessiva tammonta għal €23,636.

Mir-rapport tas-Surveyor Mark Micallef inkarigat minn Elmo Insurance Limited *qua* assikuratriċi tar-rikorrenti, liema rapport ġie kkonfermat bil-ġurament tal-istess Micallef fit-30 ta' Jannar 2023, jirriżulta li l-ħsarat fuq il-vettura tar-rikorrenti kienu estensivi. Huwa xehed illi fiċ-ċirkostanzi mhuwiex vijabbli li din tissewwa għaliex il-prezz tat-tiswija jiġi jiżboq il-valur tal-vettura. Jgħid illi fis-sena 2020 u cioè meta seħħ l-inċident il-vettura tar-rikorrenti kellha valur ta' €17,500 iżda illi konsegwenza ta' Brexit u l-awment fil-prezzijiet u tariffi l-prezz għall-importazzjoni ta' vettura mill-Ingilterra tela' għas-somma ta' €23,636.

Fix-xhieda tiegħu Gerada esprima l-fehma illi mhuwiex minnu li l-vettura tar-rikorrenti sostniet ħsarat tali li tiġi dikjarata *total loss*. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu imbagħad jgħid illi r-rikorrenti kien messha ġabet prova ta' l-ispiża li kienet għamlet fil-mument illi xtrat il-vettura u mhux prova tal-ispiża nvoluta biex hija timporta vettura ġdida.

In tema ta' dritt, huwa prinċipju ben assodat illi l-iskop tar-riżarċiment jew kompensazzjoni huwa dak illi min iġarrab ħsara bi ħtija ta' ħaddieħor jiġi reintegrat fil-posizzjoni li kien ikun fiha li kieku l-ħsara ma ġratx u allura b'riżarċiment għall-utilitajiet mitlufa[19].

---

[19] Ara: Emmanuele Galea proprio et nomine vs Paolo Gatt et deċiża minn Qorti tal-Appell fl-24 ya' Novembru 1958; Antonio Zammit vs Mario Calleja, deċiża mill-Qorti tal-appell Inferjuri fit-12 ta' Jannar 1977; Safety & Security Management Limited vs Emmanuel Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-12 ta' Marzu 2010

Fis-sentenza Silvana Zammit et vs Middleasea Insurance plc deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-12 ta' Marzu 2010 għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huma wkoll ta' siwi għall-każ ta' llum:

*"Naturalment, tinsorgi dejjem il-kwestjoni dwar l-fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni u l-kalkolazzjoni attinenti ghalihom ghallfini tar-re-integrazzjoni tal-patrimonju tad-danneggjat li jkun issubixxa t-telf;*

*Ghal kaz ta' danni extra-kontrattwali hu mill-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili dispost illi "l-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha ... hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lilll-parti li tbati lhsara ...". L-istess disposizzjoni torbot imbaghad it-telf ta' qligh ma' l-inkapacita` ghal dejjem konsegwenti minn dak l-istess eghmil. Xi haga simili jipprovdi l-Artikolu 1135 ta' l-istess Kodici fil-kaz ta' danni kontrattwali, billi anke hawn id-danni huma konfigurati fit-telf li jbati l-kreditur u l-qligh li jkun gie mtellef. Fiz-zewg ipotesijiet it-telf effettiv huwa lkonsegwenza immedjata u diretta ta' l-illecitu jew ta' linadempjenza. Jikkonsegwi minn din il-formula ssuggerita miz-zewg disposizzjonijiet illi r-re-integrazzjoni talpatrimonju huwa in essenza ri-empit mit-telf subit;*

*Issa skond l-orjentament tradizzjonali traccjat fil-gurisprudenza jidher li meta dak it-telf jigi espress f'konsiderazzjoni monetarja jittiehed qies tal-valur fizzmien tal-fatt li jkun ta' lok ghall-hsara, hekk kwalifikat bhala dannu emergenti. Qajla f'materja ta' danni purament materjali tinghata debita konsiderazzjoni lil xi zvalutazzjoni monetarja li fil-frattemp tkun interveniet bejn id-data li fih dak il-fatt issuccieda u dik tal-likwidazzjoni jew bejn din u l-pronunzjament gudizzjali. Jezistu veru kazijiet fejn l-aestimatio rei tkun referita ghaz-zmien l-aktar qrib*

*possibbli ghal gudizzju finali u tenut kont ukoll ta' xi sopravvenuta svalutazzjoni monetarja (ara, ad ezempju, fil-kaz ta' likwidazzjoni ta' legittima, "**Concetta Vella et - vs- Giuseppa Bugeja et**", Appell Civili, 10 ta' Dicembru, 1973; jew fil-kaz ta' invazjoni ta' art, is-sentenzi "**Carmel Vella -vs- Victor Sammut et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Frar, 2004 u "**Victor Mangion et -vs- Raphael Aquilina et**", Appell, 30 ta' April, 2009), izda fil-kaz hawn prospettat, almenu minn dak ricerkat, din ir-rivalutazzjoni di regola ma ssirx. L-unika koncessjoni li ssir hi dik ghallimghax, anke jekk hawn ukoll ghad-dekorriment taghhom jiddependi mill-okkorrenza ta' certa qaghda. Fil-hsieb ta' din il-Qorti huwa forsi l-kaz li anke f'sitwazzjonijiet bhal dik hawn ikkontemplata t-telf effettiv li ssemmi d-disposizzjoni ghandu jiehu kura, permezz ta' rivalutazzjoni, li jqieghed verament lid-danneggjat fis-sitwazzjoni patrimonajli li kellu qabel ma ngieb fis-sehh il-fatt illecitu li ggenera d-dannu;"*

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi l-intimat Sean Gerada huwa responsabbli għall-inċident u għandu għalhekk jirriżarċixxi lir-rikorrenti s-somma ta' €23,636.

Għalhekk, u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata Elmo Insurance Limited;

2. Tiċħad fl-intier tagħhom l-eċċezzjonijiet tal-intimat Sean Gerada;

3. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-intimat Sean Gerada huwa unikament responsabbli għall-inċident tat-2 ta' Ġunju 2020;

4. Tilqa' t-tielet u r-aba' talba limitatament u waqt illi tillikwida s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, sitt mija u sitta u tletin Euro

(€23,636) rappreżentanti danni mġarrba mir-rikorrenti fl-inċident tat-2 ta’ Ġunju 2020, tikkundanna lill-intimat Gerada jħallas l-ammont likwidat.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu minn Sean Gerada.

IMHALLEF

DEP/REG